21 ta' Lulju, 1947.

Imħallef:

L-Onor. T. Gouder, LL.D.

Il-Pulizija *versus* Markiż Paolo Apap Bologna

## Rekwiżizzjoni — Att "Jure Imperii" — "Lawful Excuse".

*Biex persuna li ġiet ordnata tikkunsinna lill-Housing Commissioner ic-ċwievet ta' dar rekwiżizzjonata jista' ma tobdiex dak l-ordni, hemm bżonn li hija jkollha "lawful excuse", jiġifieri illi jeħtieġ ikun hemm xi ċirkustanza li timpediha li tesegwixxi dak l-ordni.*

*Ma hux "lawful excuse" il-fatt li sid id-dar rekwiżizzjonata jkollu kwistjoni dwar l-entità tad-danni li jkunu ħallew fid-dar awtoritajiet oħra li kienu jokkupaw dik id-dar; u lanqas il-fatt li d-dar ikollha valur storiku li jista' jsofri minħabba l-użu li għalih id-dar tkun ġiet rekwiżizzjonata.*

*Għax ir-rekwiżizzjoni hija att kompjut mill-Gvern "jure imperii", li ma hux sindakabili mill-Qrati sakemm jirriżulta li ġie magħmul minn awtorità kompetenti u ġie eżerċitat bil-forma li trid il-liġi.*

Il-Qorti. — Rat ir-rikors li bih l-imsemmi Illustrissimu u Nobbli Markiż Paolo Apap Bologna interpona appell lil din il-Qorti kontra s-sentenza mogħtija fit-30 ta' Ġunju 1947 mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta, li biha, fuq l-akkuża illi fl-Imdina, f'dawn l-aħħar sitt xhur, wara li kien ġie avżat bil-miktub, naqas li jikkunsinna ċ-ċwievet tad-dar tiegħu nru. 27, Triq Villegaignon, l-Imdina, lill-Kummissarju tad-Djar, fi żmien stabbilit fir-"requisition order", ġie misjub ħati skond l-akkuża u ġie kundannat għal 10s. multa, u ġie lilu mogħti xahar żmien biex jottempera ruħu għal-liġi taħt penali ta' 2s. 6d. kuljum;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi tnejn huma r-raġunijiet li l-appellant jissottometti li minħabba fihom huwa jaħseb li ma għandux jikkunsinna ċ-ċwievet tad-dar in kwistjoni non ostanti r-"requisition order" fuq imsemmi. L-ewwel raġuni hija dik li għandu kwistjoni ma' l-awtoritajiet li kienu jokkupaw l-istess dar dwar danni rilevantissimi minnhom kaġunati fl-istess dar; liema kwistjoni x'aktarx tiġi mressqa quddiem l-Emergency Com-

pensation Board sabiex dak il-Board jillikwida l-valur ta' dawk id-danni; u f'dan il-każ, jekk huwa jikkonsenja ċ-ċwievet, u d-dar tiġi okkupata, ma jkunx aktar in grad li jipprova quddiem dak il-Board in-natura u l-estensjoni tad-danni. It-tieni raġuni hija dik li d-dar *għandha valur storiku*, u jekk *tiġi okkupata sabiex ikun użata bħala skola* — *għal liema użu* huwa jaf li ġiet rekwiżita — jista' jkun hemm ħsara irreparabili għal dan il-valur storiku tagħha;

Tikkunsidra fuq l-ewwel motiv;

Illi r-Regolamenti jikkontemplaw il-każ li fih wieħed ma jkunx jista' jeżegwixxi l-ordni minħabba "a lawful excuse"; però l-unsemmija kwistjoni bejn l-appellant u l-awtoritajiet li kienu qegħdin jokkupaw id-dar mhix koperta minn dak il-każ; għaliex, *kif ġie kostantement ritenut* minn dan it-tribunal, l-"excuse" għandha *tiftiehem* fis-sens ta' xi *ċirkustanza* li *tkun* qiegħda timpedixxi li jiġi eżegwit l-ordni;

Tikkunsidra fuq it-tieni motiv;

Illi għalkemm huwa kommendabili ħafna l-interessament ta' l-appellant — fl-interess prinċipalment mhux tiegħu personali, imma tal-publiku — illi d-dar, minħabba l-valur storiku li għandha, tibqa' kemm jista' jkun mhux użata, sabiex tiġi aħjar preżervata, u għalkemm hija ħaġa xierqa ħafna illi sakemm tkun ħaġa possibili huwa jiġi ajjutat f'dan l-interessament li qiegħed jieħu sabiex id-dar, għar-raġuni indikata, *tinżamm* 'l-bogħod kemm jista' jkun minn kull periklu ta' ħsara, iżda dina ċ-ċirkustanza ma tiswiex kwantu għall-meritu tal-kawża, billi bosta drabi ġie deċiż minn din il-Qorti illi l-att tar-"requisitioning" huwa att li l-Gvern jeżegwixxi "jure imperii" u dana l-att "jure imperii" mhux sindakabili mill-Qrati, fis-sens li l-Qrati ma jistgħux jiddiskutu l-opportunità jew il-ġustizzja ta' *provvediment amministrativ* tal-Gvern, *imma* jistgħu biss jaraw jekk l-awtorità li ħadet il-provvediment kienetx kompetenti biex tieħdu u jekk il-provvediment ittieħedx fil-forom li jmissu — fuq liema ħwejjeġ ma hemmx kwistjoni f'dana l-ġudizzju;

Tikkunsidra kwantu għat-terminu;

Illi dana t-terminu skond il-liġi għandu jkun suffiċjenti, u dina s-suffiċjenza tiddependi mid-diskrezzjoni tal-Qorti, eżerċibbli "arbitrio boni vir"; u fil-*fehma* tal-Qorti iċ-ċirku-

stanza li l-appellant għandu l-imsemmija kwistjoni ma' l-awtoritajiet li kienu jokkupaw id-dar, in rigward tad-danni minnhom fiha kaġunati, tiġġustifika l-għoti ta' terminu iżwal minn dak mogħti mill-Ewwel Qorti; u dana t-terminu għandu jibda jiddekorri mil-lum, sabiex l-appellant f'dan iż-żmien ikun jista' jieħu dawk il-provvedimenti li jidhirlu biex ikun jista' jipprova sewwa n-natura u l-estensjoni tad-danni quddiem il-Board fuq imsemmi;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi fil-meritu tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; iżda t-terminu għandu jkun ta' 45 ġurnata mil-lum.